MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Numru 1107/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Donna Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputata, detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 358094 (M);

Akkuzata talli fix-xahar ta' Dicembru 2012 u fix-xahar ta' April 2013, rispettivament, b'atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda li jitqiesu bhala reat wiehed, mir-residenza 11, Triq tal-Providenza Siggiewi, waqt li kienet qed taghmel xoghol ta' seftura, kkommettiet serq ta' zewg armi tan-nar, wahda pistola P Beretta bin-numru tar-registrazzjoni 32476 u pistola Walther bin-numru tar-registrazzjoni FAF6458, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-lok li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u

erba' u disghin centezmu (232.94 Euro) u dan ghad-detriment ta' Alfred Baldacchino mis-Siggiewi bi ksur tal-Artikolu 267, 268(a)(b)

U iktar talli fl-istess jiem, lok u cirkostanzi, zammet ghandha jew kellha fil-pusess taghha jew garret armi tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (Kap 480 5(1))

U iktr talli fl-isetss zminijiet, lok u cirkostanzi, waqt li kienet fil-pussess ta' armi tan-nar, naqset illi tavza b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija (Art 41 Kap 480)

U iktar talli fl-istess jiem, lok u cirkostanzi, laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom meta kienet taf illi l-haga kienet gejja minn serq.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex titratta ma Donna Sciberras bhala li hija ricediva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi kemm tal-Qorti tal-Magistrati u kif ukoll dawk Superjuri, li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni, f'liema ammissjoni baqghet tinsisti anke wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat

L-imputazzjonijiet jitrattaw is-serq, ir-ricettazzjoni u reati kontra l-Ordinanza dwar l-Armi relatati mas-serq.

Kemm mix-xhieda mismugha, l-istqarrija taghha rilaxxjata lill-Pulizija u l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata taghha, ir-reati li taghhom giet akkuzata, jinsabu ppruvati.

Rat l-Artikolu 261(1)(e), 267, 269 (g), 279, 311, 49, 50, 289 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikoli 5, 41, 51 tal-Kap 480.

Tiddikjaraha u ssibha hatja u tikkundanaha ghal sena prigunerija.

Taghmel rakomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs sabiex jaghti lill-imputata kull opportunita biex tirrijabilita ruhha mill-problema tad-droga.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------